# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.2

**Kap 5: Twieled għalina**

**Lezzjoni 5.2: X'rigal kbir!**

## L-Għanijiet:



## It-tfal:

1. Jirrevedu x'inhu rigal u għalfejn nagħtu r-rigali.
2. Jagħrfu li Ġesù huwa l-akbar rigal li Alla tana.
3. Jagħrfu kemm fil-verità Alla ħabbna meta tana lil Ġesù bħala rigal.
4. Jirrealizzaw li b'dak li għandhom, huma rigali għal xulxin.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

1. Kaxxa taż-żraben miksija bil-karti tar-rigali iżda mhux issiġilata u l-għatu jista' jitneħħa.
2. Karti żgħar (10cmx8cm) għat-tpinġija. *Jekk ikunu karti użati min-naħa waħda u skartati tant l-aħjar.*
3. Ritratt tat-tfal u ta' familja (kull tifel u tifla jista' jġib ritratt tal-familja tiegħu jew tagħha). *Mhux bilfors.*
4. Bambin żgħir li joqgħod ġol-kaxxa taż-żraben.
5. Maxtura, benniena jew sodda għall-Bambin.
6. Preżentazzjoni għall-IWB **Alla tani ...**



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

1. Fakkarhom fir-rigali li tana Alla permezz ta' **Alla tani...** fuq lWB.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

1. Itfa' bil-moħbi tat-tfal l-Bambin ġol-kaxxa-rigal flimkien mat-tpinġijiet li pinġew it-tfal.

2. Ħares lejn ir-rigal il-kbir fuq l-IWB u għid li fadal rigal li għadna ma ftaħniex. Tissuġġerix għaliex dan ir-rigal hu ikbar iżda ħalli lit-tfal joħorġu biha. Staqsi lit-tfal x'jaħsbu fuq dan ir-rigal.
   - Hu rigal bħall-oħrajn jew aktar speċjali?
   - X'taħsbu li hemm f'dan ir-rigal?

3. Ikxef ir-rigal fuq l-IWB biex jaraw li hemm Ġesù Bambin.

4. Għid lil xi ħadd mit-tfal jiċċekkja fil-kaxxa-rigal biex b'sorpriża jsibu li anke hemmhekk hemm Bambin.

5. Ġo ċirku jew kaxxa fin-nofs ta' kartonċina ikteb **Alla tani** b'xi marker tal-kulur. Waħħal l-istampi li pinġew it-tfal madwarha u għaqqadhom mal-kliem tan-nofs b'linji dritti li tiġi qisha għanqbuta. Mal-istampi tat-tfal waħħal ukoll stampa ta' Ġesù Bambin.

6. Iftaħ il-Ktieb tal-Attività tal-Attivitajiet 5.2. Mat-tfal aqra u spjega l-kliem li jinsab f'din il-paġna. Stieden lit-tfal biex iwaħħlu kartolina tal-Milied fil-vojt tal-grotta u jkomplu jpinġu l-anġli billi jimlewhom bil-kulur.



**Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)**




- Ġesù huwa rigal mingħand Alla
- Ġesù hu l-ikbar rigal li tana.
- Meta Alla tana lil Ġesù kien qed jurina li vera jħobbna.
- Alla tana lil Ġesù biex jgħallimna x'irridu nagħmlu biex immorru l-ġenna.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Meta nkunu qalbna tajba ma' ta' madwarna, nkunu qed napprezzaw l-imħabba tagħhom u nuruhom li huma speċjali għalina. B'hekk inkunu qeg]din napprezzaw ukoll lil Ġesù.



## Niċċelebraw flimkien xi kant

- Poġġu lill-Bambin fil-maxtura biex iżżejnu l-klassi filwaqt li tkantaw **Ninni la tibkix iżjed**. Tista' tipproġetta l-kliem ta' paġna 48 fuq IWB.

Ninni la tibkix iżjed
Ninni Ġesù Bambin
Ħallih għalina l-biki
Għax aħna midinbin.

Ejjew, ejjew ja anġli
Mis-sema, mija mija
Ħdejn Alla li ħalaqkom
Bambin ġewwa l-fisqija



Ninni la tibkix iżjed
Ninni Ġesù Bambin
Ħallih għalina l-biki
Għax aħna midinbin.

Ejjew araw o rgħajja
F'kemm faqar, f'kemm tbatija
Is-sid ta' kollox twieled
Bin Alla, il-Messija.

Ninni la tibkix iżjed
Ninni Ġesù Bambin
Ħallih għalina l-biki
Għax aħna midinbin.

## Nitolbu

Ħeġġeġ t-tfal biex jgħidu grazzi lil Alla għar-rigali sbieħ li għoġbu jagħtina.

Ħalli t-tfal jgħidu wara xulxin ***Grazzi Mulej talli tajtna .....***



Hemm imnejn li t-tfal jibdew jirrepetu l-istess idea.

Ħeġġiġhom isemmu affarijiet differenti.